# ID-DAWL

ĠUNJU 2023 WWW.AHMADIYYA.MT NUMRU 66

## “L-għemejjel tajbin tabilħaqq ibiegħdu lil dawk ħżiena.”



Il-Prevenzjoni jew il-Kura | Il-Vizzju huwa sors ta' Paċi? | Iż-Żgħażagħ u l-Vizzji | Eqred il-Ħażen fil-Bidu

F'Isem Alla, Mimli Grazzji, Dejjem Ħanin

Editorjal

# IL-PREVENZJONI HIJA AQWA MILL-KURA

***Imam Laiq Ahmed Atif***
*President Ahmadiyya Muslim Jamaat*

Il-ħajja fiha nnifisha hija sfida kbira, madanakollu, fiż-żminijiet li ngħixu fihom illum, saret ukoll sfida ferm akbar għal kull wieħed minna. Waħda mill-isfidi hija t-teħid dejjem jikber ta' sustanzi illeċiti, il-vizzji u l-aċċessibilità faċli u l-prezz baxx tad-drogi. Biex jindirizzaw din il-problema li dejjem qiegħda tikber, biex jenfasizzaw il-ħsara li toħloq, biex ikattru l-għarfien u jedukaw lill-pubbliku inġenerali, il-Ġnus Magħquda josservaw is-26 ta' Ġunju bħala l-jum internazzjonali kontra l-abbuż mid-droga biex isaħħu l-koperazzjoni bejn l-imsieħba differenti ħalli jinkiseb l-għan ta' dinja ħielsa mill-abbuż tad-droga.

F'din l-edizzjoni ta' **Id-Dawl**, se niddiskutu din il-kwistjoni skont il-perspettiva Iżlamika ħalli nipprovdu lill-qarrejja tagħna b'xi ideat u naraw kif se nsalvaw in-nisġa soċjali milli taqa' fin-nasba tal-użu ta' sustanzi illeċiti. Bla dubju ta' xejn, **'il-prevenzjoni hija aqwa mill-kura'.** Għalhekk, irridu nedukaw lilna nfusna, lil uliedna, lill-komunitajiet tagħna u lill-pajjiż kollu dwar il-ħsara li dawn id-drogi jikkawżaw fuq is-saħħa tal-bniedem, fuq il-familja u fuq ir-relazzjonijiet umani. Dan il-vizzju litteralment jeqred lill-individwi, lill-familji u lill-maħbubin tagħhom. Għaldaqstant, irridu nxammru l-kmiem u nagħmlu ħilitna kollha biex neqirdu dan il-velenu distruttiv li qed jinfiltra b'rata mgħaġġla fis-soċjetajiet tagħna.

## ID-DAWL

ĠUNJU 2023 – Numru 66
Pubblikazzjoni ta'
**AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA**
**Mob:** 79 655 255 | **Tel:** 21 655 255
**Email:** amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyyamalta.org**

## INDEX

| | |
|---|---|
| Prevention is better than cure | 02 |
| Is addiction a source of peace? | 03 |
| Youth and addiction | 04 |
| Good works drive away the evil ones | 05 |
| Nip the evil in the bud | 06 |

**www.ahmadiyya.mt/id-dawl** **Il-Qoxra:** Mr Dasenna | Shutterstock
**Indirizz:** Ahmadiyya Library & Office - 30 Triq Turu Rizzo, Gżira

# IL-VIZZJU HUWA SORS TA' KUNTENTIZZA U PAĊI?

***Muskan Atif***

Jingħad li 'ż-żgħażagħ huma s-sinsla jew il-forza ta' kull pajjiż' u li huma 'l-ġejjieni tan-nazzjon u l-pajjiż tagħhom'. Għalhekk, iridu jieħdu ħsieb tagħhom infushom u jgħixu ħajja sana u sigura, 'il bogħod mid-drawwiet u l-vizzji ħżiena.

Jekk naqraw il-gazzetti nsibu li l-vizzji huma problema kbira fis-soċjetajiet tagħna. L-użu tad-drogi huwa wieħed mill-akbar problemi li taffaċċja d-dinja llum il-ġurnata. It-tfal qed jeqirdu ħajjithom, il-ħolm tagħhom u l-futur tagħhom minħabba d-drogi. Għadd kbir ta' familji sfaw meqruda u reati kriminali marbuta mad-droga qed ikissru 'l-familji u jfarrku l-istruttura soċjali tal-komunitajiet.

Dawk l-individwi li mhumiex ivvizzjati jħossuhom ħajjin, sani, b'saħħithom, u kompetenti. Huma jqattgħu l-ħin mal-familji tagħhom kif ukoll mal-ħbieb. Huma jħossuhom tassew kuntenti u kburin li mhumiex ivvizzjati.

Ikollhom il-ħin biex jistudjaw, joħolqu futur aħjar bl-istudji tagħhom, ikollhom ukoll xogħol tajjeb b'salarju tajjeb u ħafna aktar. Iħossu li qegħdin fil-ġenna. Is-saħħa fiżika tagħhom, l-attitudni pożittiva, l-imħabba tal-familja, il-ħbieb tajba, il-karriera li dejjem titjieb u l-ħsibijiet pożittivi jwassluhom għall-imħabba ta' Alla u l-imħabba tal-proxxmu; dan kollu jwassalhom biex ikollhom sodisfazzjon, kuntentizza u paċi.

Il-għaliex, ma jkunx hemm serħan tal-moħħ mingħajr Alla u mingħajr il-qadi tal-oħrajn. Aktar ma nersqu lejn Alla u nħobbu l-proxxmu, akbar ikunu s-serħan tal-moħħ u l-kuntentizza. Min-naħa l-oħra, qatt tinsew li l-vizzji jwasslu għall-ansjetà, is-solitudni u d-dipressjoni, u qatt ma jistgħu jġibu s-sodisfazzjon u l-kuntentizza.

# IŻ-ŻGĦAŻAGĦ U L-VIZZJI

***Nauman Atif***

Il-vizzju huwa kundizzjoni jew ħtieġa koerċittiva għal sustanza jew attività partikolari. Ftit eżempji jinkludu t-tipjip, l-alkoħol, id-drogi, xi tip ta' ikel, u t-teknoloġija; il-vizzju jista' jkun kollox imma f'ammonti eċċessivi. Il-vizzju huwa bħal rabta parassita. Aktar ma ddum f'din ir-rabta aktar issir diffiċli biex teħles minnha. Iż-żejjed f'kollox huwa ħażin; dan jinkludi wkoll l-ilma u l-ikel li huma essenzjali għall-għajxien imma li jistgħu jikkawżaw il-ħsara jekk jittieħdu f'ammonti esaġerati. Li jkun hemm bilanċ bejn ix-xogħol, l-istudju, attivitajiet differenti, u l-ħin ta' mistrieħ huwa importanti ħafna. Anki t-teħid ta' ikel differenti kuljum bħal prodotti ta' ħalib u ġobon, frott u ħaxix, proteini, xaħmijiet u zokkor, żjut, u karboidrati huwa wkoll importanti.

F'dawn iż-żminijiet l-aktar vizzji koroh huma l-użu eċċessiv tal-alkoħol, tad-drogi u tat-teknoloġija. Il-gvernijiet jonfqu ammonti kbar ta' flejjes biex jiddijljaw mal-problema tad-droga, biex jiġġieldu kontra l-użu tagħha u kontra vizzji qerrieda oħra. Madanakollu, sfortunatament, l-għadd ta' nies li jaqbdu l-vizzju tad-droga u vizzji oħra dejjem qed jikber b'rata mgħaġġla.

## Triq għal infezzjonijiet numerużi

Jinħolqu problemi kbar bil-konsum tal-alkoħol, tad-drogi u tas-sigaretti. Wieħed ma jibqax jirraġuna sew, tiżdied il-probabbiltà li jkun hemm il-każi tal-kanċer u infezzjonijiet numerużi, u tiddgħajjef is-sistema immunitarja. It-tartru li jinbela' fil-pulmun jibqa' hemm għal diversi snin qabel jitneħħa. Immaġinaw xi ħsara jagħmel it-tipjip!

Biex nevitaw li naqgħu fil-vizzju, huwa importanti li nirreżistu mill-bidu nett. Il-vanità mistura taħt id-divertiment tista' tinbidel malajr fi problema serja, li taffettwa l-imġiba, is-saħħa u l-benesseri soċjali u ekonomiku tal-individwu. Il-vizzju jwassal għal stmerrija tal-aktar affarijiet importanti fil-ħajja.




Naħseb il-bniedem tilef il-fiduċja u l-fidi f'Alla u meta ma jkunx hemm fiduċja f'Alla mela l-bniedem ifittex ir-rilassament f'dawn il-vizzji. Sfortunatament, ir-realtà hija li, anki f'dawn il-vizzji, il-bniedem ma jsib la l-faraġ u lanqas is-sodisfazzjon.

## Serħan tal-moħħ dejjiemi

Alla tana direzzjoni tajba fil-Koran Imqaddes (11:115) ta' kif inwarrbu d-drawwiet ħżiena u ngħinu lil dawk ivvizzjati, li, **"l-għemejjel tajbin tabilħaqq ibiegħdu lil dawk ħżiena."** Dan ifisser li jekk persuna tixtieq teħles minn għada ħażina, trid tibda billi tipprattika xi għemil virtuż. B'dan il-mod, hija teħles malajr mid-drawwa ħażina tagħha. Dan il-prinċipju huwa profond ħafna għax jopponi l-ħażin mat-tajjeb.

Wieħed għandu jqatta' l-ħin fit-talb, ifaħħar 'l Alla, il-Ħallieq, u jagħmel il-ġid mal-proxxmu tiegħu. Wieħed għandu jqatta' l-ħin f'għemejjel tajbin u virtużi u mhux f'għemejjel ħżiena. Wieħed għandu jimla l-ħin tiegħu għax inkella x-Xitan jibda jara kif se jimla dak il-vojt.

Alla Omnipotenti jgħid: Iva! Huwa fit-tfakkir ta' Alla li l-qlub jistgħu jsibu l-faraġ. Oh, intom is-soċjetà li m'għandhiex kwiet, oh, id-dinja

li m'għandhiex kwiet tafu biċ-ċert li t-trankwillità vera, is-serħan il-moħħ vera huwa fit-tfakkira ta' Alla u fir-relazzjoni m'Alla.

Din hija verità kbira u estremament naturali. Aktar ma n-nies ta' din id-dinja jfittxu l-affarijiet insinifikanti ta' din il-ħajja, akbar isiru l-kilba u l-ħruq konsegwenti ta' qlubhom kontra ta' dawk li jfittxu 'l Alla, li aktar ma jduru lejH, akbar ikun is-serħan tal-moħħ tagħhom u Alla tabilħaqq jgħin lill-fidili.

## L-ikkultivar ta' bidla pożittiva

L-astensjoni biss ma tgħinx fl-intenzjoni. Persuna li m'għandhiex biex timla l-ħin għandha ċans li taqa' fil-vizzju ħafna drabi sakemm dak il-vojt ma jimteliex b'xi ħaġa tajba, xi ħaġa akbar, xi ħaġa aktar attraenti, li ġġib bidla pożittiva f'dik il-persuna.

Il-ġenituri għandhom responsabbiltà enormi biex jiggwidaw lil uliedhom, liż-żgħażagħ tagħhom, għax huwa biss bis-saħħa tal-preparazzjoni ħanina tagħhom u bl-eżempji tajba tagħhom li jistgħu jżommu lil uliedhom 'il bogħod mill-vizzji.

## Eqred il-ħażen fil-bidu tiegħu

Hemm storja marbuta ma' dan. Darba kien hemm raġel li kien wettaq ħafna reati u kien qabeż kull limitu. Wara li nqabad u kien se jitgħallaq għar-reati kollha tiegħu, staqsewh jekk kellux xewqa tal-aħħar.

Huwa qallhom li xtaq jara lil ommu. Meta ommu resqet lejh, qallha li jixtieq jgħidilha xi ħaġa f'widintha. Huwa mbagħad gidmilha widintha b'tant saħħa li hija werżqet bl-uġigħ.

Meta semgħu dan l-għajjat, il-gwardjani ġrew lejh u seħtuh: m'għandu l-ebda għajb? Minkejja li wettaq tant għemejjel ħżiena, ftit mumenti qabel mewtu huwa darab lil ommu stess.


Ground | Shutterstock

Il-kriminal wieġeb: "Tassew, illum jiena wettaqt xi ħaġa tajba. Meta jiena wettaqt reati żgħar u n-nies kienu jmorru jilmentaw ma' ommi, hija dejjem żammet miegħi u, minkejja li kienet taf il-verità, hija qatt ma ċanfritni. Bħala riżultat, jiena kont nazzarda aktar u sirt kriminal kbir. Kieku hija waqqfitni milli nagħmel atti ħżiena trivjali dak iż-żmien, kieku jiena ma kontx insir kriminal."

Il-tagħlima ta' din l-istorja hija li kull drawwa, tajba jew ħażina, tibda minn passi żgħar. Mal-mogħdija taż-żmien, hija ssir drawwa b'saħħitha u mbagħad issir vizzju.

## Faraġ u sodisfazzjon

Għaldaqstant, huwa d-dmir tagħna li dejjem nevitaw kull tip ta' vizzju, ngħixu ħajja sana u bbilanċjata, nibqgħu ffukati fuq il-pożittività, u ngawdu kull barka li Alla jitfa' fuqna, u tabilħaqq dan kollu jwassalna għall-kuntentizza eterna u s-suċċess.

# FIL-QOSOR

## IL-QRUBIJA LEJN ALLA

Alla jgħid li, "Min joqrob lejja b'xiber, noqrob lejh b'tul ta' driegħ, u min joqrob lejja b'tul ta' driegħ, noqrob lejh b'tul ta' qama. U jekk jiġi lejja bil-mixi, arani nersaq lejh mgħaġġel."*




## DĦULIJA MAD-DGĦAJFIN

"Ħu ħsieb is-sejħa ta' dak li bata l-inġustizzja, għaliex ma hemm xejn xi jżomm bejn dik is-sejħa u Alla."*

## TĦEĠĠU T-TJUBIJA

"Tħeġġu lin-nies jagħmlu t-tajjeb u ma tħalluhomx jagħmlu l-ħażin."*

"Dawk li jżommu mal-limiti ta' Alla u dawk li jiksru dawn il-limiti huma bħal nies li qatgħu x-xorti biex jaraw kif se joqogħdu f'dgħajsa. Uħud minnhom messithom in-naħa ta' fuq tad-dgħajsa, filwaqt li oħrajn messithom in-naħa t'isfel. Kull darba li dawk t'isfel iridu jixorbu, ikollhom jgħaddu minn ħdejn dawk ta' fuqhom. Għalhekk jgħidu: 'Jekk intaqqbu toqba fin-naħa tagħna tad-dgħajsa, ma ndejqux lil ta' fuqna.' Jekk *(dawk ta' fuqhom)* iħalluhom jagħmlu dan, jintilfu lkoll, filwaqt li jekk iżommuhom, kulħadd jeħles mill-għarqa."*

(*Diskorsi tal-Qaddis Profeta Muħammad[sa])

**IMĦABBA GĦAL KULĦADD - MIBEGĦDA GĦAL ĦADD**

**"ID-DAWL"** (The Light) is a Maltese magazine published by the Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta.

amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**